

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-17 ta' April 2013

li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċizzjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2011

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2011,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2011, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2013 (05753/2013 — C7-0041/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0100/2013),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2011 huma affidabbli u li t-transazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2012 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni ("l-Aġenzija") għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010 ⁽⁶⁾, u fir-risoluzzjoni tiegħu li takkumpanja l-kwittanza, fost affarijiet oħra:
- esprima t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri rappurtat approprjazzjonijiet riportati għas-sena ta' wara li ammontaw għal 19 % tal-baġit totali tal-Aġenzija,
 - ħeġġeġ lill-Aġenzija biex:

⁽¹⁾ ĠU C 388, 15.12.2012, p. 135.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ ĠU L 286, 17.10.2012, p. 221.

- tpoġġi lista fiżika eżawrjenti tal-inventarju fil-post u tiżgura l-korrettezza tan-notamenti tal-kontabilità,
 - ittejjeb it-trasparenza tal-estimi u tiċċara min għandu responsabbiltà,
 - issaħħaħ l-awtorizzazzjoni tal-akkwist tagħha f'deċiżjoni ta' finanzjament u flivell ta' programm ta' ħidma,
 - tiżgura li l-iżvelar tal-eċċezzjonijiet fir-Rapport tagħha dwar l-Attività Annwali jsir b'mod komprensiv;
 - tiżgura segwitu xieraq ta' irregolaritajiet potenzjali,
 - tiżviluppa u tirrapporta dwar il-kontrolli ex post,
- C. billi l-baġit globali tal-Aġenzija għas-sena 2011 kien EUR 8 102 921, li huwa 0,003 % inqas mill-baġit tagħha għall-2010 (EUR 8 133 188); billi għall-2011, il-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija ammontat għal EUR 7 931 858 ⁽¹⁾, meta mqabbla ma' EUR 7 928 200 fl-2010,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Ifakkar li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni kienet EUR 7 921 858 għall-2011; jinnota li l-implimentazzjoni tal-baġit tjebet meta mqabbla mas-sena preċedenti;
2. Jirrikonoxxi mill-kontijiet annwali li l-baġit inizjali tal-Aġenzija għall-2011 ammonta għal EUR 7 931 858; jinnota, madankollu, li l-Bord tat-Tmexxija emenda l-baġit sabiex jirrifletti kontribuzzjoni ta' EUR 171 063 minn pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles;
3. Jistabbilixxi mill-kontijiet annwali li l-approprijazzjonijiet ġew impenjati b'rata ta' 100 % meta mqabbla ma' 99,95 % fl-2010, filwaqt li l-pagamenti laħqu l-livell ta' 85,82 % tal-approprijazzjonijiet totali mmaniġġjati, meta mqabbla ma' 75,46 % fl-2010;

L-approprijazzjonijiet riportati

4. Jinnota mill-kontijiet annwali li EUR 1 166 895 tal-approprijazzjonijiet ta' impenn ikkuntrattati sal-aħħar tal-2011 iżda li kienu għadhom ma tħallsux ġew riportati għall-2012; jinnota, barra minn hekk, li t-total ta' approprijazzjonijiet riportati kkanċellati (jiġifieri riportati mill-2010 u mhux imħallsa fl-2011) fl-2011 jirrappreżenta EUR 130 133;
5. Huwa mħasseb li, għal darba oħra, il-Qorti tal-Awdituri rappurtat 33 % ta' riporti mill-baġit operattivi tal-Aġenzija (Titolu III); jesprimi tħassib li din is-sitwazzjoni tindika dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija li huma ffinanzjati mit-Titolu III u mhijiex konformi mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità; għal darba oħra, iħeġġeġ lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda mill-Aġenzija biex tindirizza dan in-nuqqas; jinnota, barra minn hekk, li s-sitwazzjoni tjebet, meta mqabbla mas-sena preċedenti (52 %);
6. Ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri rappurtat 34 % ta' riporti mill-baġit amministrattivi tal-Aġenzija (Titolu II); jinnota li din is-sitwazzjoni mhijiex konformi mal-prinċipju baġitarju ta' annwalità. għal darba oħra, iħeġġeġ lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda mill-Aġenzija biex tindirizza dan in-nuqqas;

Proċeduri ta' akkwist

7. Jirrikonoxxi mir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri li l-Aġenzija għandha bżonn ittejjeb id-dokumentazzjoni tal-assi fissi peress li l-akkwisti tal-assi fissi huma rreġistrati flivell ta' fattura u mhux flivell ta' partita; iħeġġeġ lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda mill-Aġenzija biex tindirizza dan in-nuqqas;

⁽¹⁾ Kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2011, p. 20.

Proċeduri ta' reklutaġġ

8. Jinnota li l-ebda miżura xierqa ma ttieħdet biex tindirizza n-nuqqas ta' trasparenza tal-proċeduri tar-reklutaġġ irrappurtati mill-Qorti tal-Awdituri fl-2010 u li l-Qorti, għal darba oħra, irrappurtat li l-Aġenzija għandha bżonn ittejjeb it-trasparenza ta' dawk il-proċeduri; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda mill-Aġenzija biex tindirizza dan in-nuqqas; iqis li xi wħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal jistgħu jippreżentaw piż amministrattiv konsiderevoli; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippermetti ċertu grad ta' semplifikazzjoni taħt l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-aġenziji;
9. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2013 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0134 (Ara paġna 374 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).